



## ***Il-Ministru tal-Ambjent u s-Sigurtà tal-Enerġija***

**WARA LI KKUNSIDRA** d-Digriet Leġiżlattiv Nru 164 tat-23 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Direttiva 98/30/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali, skont l-Artikolu 41 tal-Liġi Nru 144 tas-17 ta' Mejju 1999 u, b'mod partikolari, l-Artikolu 27 tiegħi;

**WARA LI KKUNSIDRA** d-Digriet tal-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku tad-19 ta' Frar 2007 "Approvazzjoni tar-regolament tekniku dwar il-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u l-preżenza ta' komponenti oħra fil-gass li għandu jiġi ppumpjat", ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana tad-19 ta' Marzu 2007, Nru 65;

**WARA LI KKUNSIDRA** d-Digriet tal-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku tat-18 ta' Mejju 2018 "Aġġornament tar-regolament tekniku dwar il-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u l-preżenza ta' komponenti oħra fil-gass tal-fjuwil li għandu jiġi ppumpjat", ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana tas-6 ta' Ġunju 2018, Nru 129, kif emendat bid-Digriet tal-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku tas-6 ta' Ġunju 2022;

**BILLI** huwa meħtieġ li r-regolament tekniku jiġi emendat u aġġornat sabiex jitqies l-iżvilupp tal-flussei tal-LNG madwar id-dinja bħala sors ta' provvista tal-gass naturali għall-Italja u l-ħtieġa li jiġu żgurati kontinwament l-ogħla livelli ta' sikurezza għall-utenti, għall-popolazzjoni u għall-ambjent;

**BILLI** l-kompetenzi tal-enerġija ġew ittrasferiti, skont id-Digriet Amministrattiv Nru 22 tal-1 ta' Marzu 2021, mill-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku lill-Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika;

**WARA LI KKUNSIDRA** d-Digriet Amministrattiv Nru 173 tal-11 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi "Dispożizzjonijiet urġenti dwar ir-riorganizzazzjoni tas-setgħat Ministerjali" u, b'mod partikolari, l-Artikolu 4 li jipprevedi li l-Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika għandu jassumi d-deżinjazzjoni l-ġdida tal-Ministeru għall-Ambjent u s-Sigurtà tal-Enerġija;

**WARA LI KKUNSIDRA** l-Pjan REPowerEU ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea fit-18 ta' Mejju 2022, li jipprevedi, fost l-oħrajn, id-diversifikazzjoni tal-provvista minn forniture internazzjonali ġoddha;

**WARA LI KKUNSIDRA** d-Digriet Liġi Nru 17/2022, ikkonvertit, b'emendi, fil-Liġi Nru 34/2022 li introduċiet miżuri biex tiddiversifika l-oriġini tal-gass importat, iżżejjid il-kapaċità nazzjonali ta' rigassifikazzjoni tal-LNG, inkluż permezz tal-provvisti tal-LNG minn rotot ġoddha

mill-Eġittu, il-Qatar, il-Kongo u provvisti minn pajjiżi oħra bħall-Angola, in-Niġerja, l-Indoneżja, il-Libja u l-Możambik;

**BILLI** r-regolamenti tekniċi tas-settur tal-gass naturali jinkludu dik definita mid-Digriet imsemmi hawn fuq tal-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku tat-18 ta' Mejju 2018 kif emendat;

**BILLI** jeħtieġ li jiġi emendat, fi ħdan il-parametri tal-kwalità tal-gass naturali definiti mid-Digriet imsemmi hawn fuq tat-18 ta' Mejju 2018, il-valur tal-limitu massimu tal-Indiċi Wobbe, billi jiġi stabbilit limitu ġdid li ma jipperikolax l-ipproċessar, il-ħażin u/jew l-użu tal-gass naturali, sabiex jippermetti l-provvista tal-LNG minn fornituri ġodda, b'mod partikolari fornituri Afrikani, u l-alimentazzjoni tal-LNG rigassifikat fin-netwerks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-gass naturali, filwaqt li jiġu żgurati l-ogħla livelli ta' sikurezza għall-utenti, il-popolazzjoni u l-ambjent;

**WARA LI KKUNSIDRA** n-nota tal-25 ta' Lulju 2023 mill-Kumitat tal-Gass Taljan (CIG) u rriżultati tal-istudju mwettaq mis-CIG innifsu dwar l-effetti possibbli li gassijiet importati ġodda kkaratterizzati minn Wobbe Indices ogħla mil-limitu massimu stabbilit mid-Digriet tat-18 ta' Mejju 2018 jista' jkollhom fuq l-użi finali; dawn l-istudji wrew li l-effetti ta' żieda fil-limitu ta' fuq tal-Indiċi Wobbe mill-valur attwali ta' 52.33 MJ/Sm<sup>3</sup> għall-valur ta' 53.00 MJ/Sm<sup>3</sup> li jista' jintuża biex ikopri s-sorsi kollha possibbli tal-LNG, ma jbiddilx sostanzjalment il-kundizzjoni attwali tal-użu tal-gass naturali fit-territorju nazzjonali filwaqt li jiżgura l-ogħla livelli ta' sikurezza għall-utenti, il-popolazzjoni u l-ambjent;

**WARA LI LESTA** l-proċedura għall-ġħoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi, prevista fid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tkhassar id-Direttivi 98/34/KE u 98/48/KE (il-Liġi 317/86 kif emdenda bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 223 tal-15 ta' Diċembru 2017),

B'dan jordna:

Artikolu uniku.

- Fl-Anness A tad-Digriet tal-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku tat-18 ta' Mejju 2018, il-punt 5.1, Tabella 1, ir-ringiela dwar l-Indiċi Wobbe  
“

|              |               |                    |
|--------------|---------------|--------------------|
| Indiċi Wobbe | 47.31 ÷ 52.33 | MJ/Sm <sup>3</sup> |
|--------------|---------------|--------------------|

huwa sostitwit bir-ringiela li ġejja:

“

|              |               |                    |
|--------------|---------------|--------------------|
| Indiċi Wobbe | 47.31 ÷ 53.00 | MJ/Sm <sup>3</sup> |
|--------------|---------------|--------------------|

”  
Dan id-Digriet għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta Ufficijali tar-Repubblika Taljana.

Il-Ministru: Gilberto Pichetto Fratin